MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Rikors Numru. 156/2007

Joseph **CASSAR** għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ Cranes and Commercial Sales Ltd, preċedentement magħrufa bħala J Cassar Commercial Plant Sales Ltd.

vs.

Angelo **TANTI**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fid-9 ta’ Frar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent nomine talab li l-Qorti terġa’ tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fis-6 ta’ Mejju, 1994 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċit. Nru 608 / 94 AM) u dan billi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimat notifikat għall-finijiet tal-art 187(3) tal-Kap 12, ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti ikkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t'talbiet ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------